# Il-Mitħna fi Triq Betta

Minn Peter A. Caruana

"X'waħda din Karm! Qed jgħidu li ġew il-furbani!"

"Ma smajt xejn jien", wieġbet Karmni. "Min qallek Katarina?"

"Kien hawn xniha ġmielha l-bieraħ. Kulħadd isemmi 'l dal-furban. Ma nafx kif ma; jibżgħux weħidhom f'raħal kollu nies!"

Karmni baqgħet mistgħaġba. Kif ma kienet semgħet xejn! Żewgħha kien wieħed mill-għassiesa, dejjem iħufu max-xatt ta' Marsaxlokk biex jagħtu n-nafra għal xi ħbit mill-furbani. Soltu Paċikk kien jgħidilha kollox lil Karmni. B'li tkun taf hi, kienet ittarraf lil kulħadd.

"Xejn ma' qalli Paċikk tiegħi. Mhux soltu jżomm ħalqu mitbuq miegħi!"

Taw is-saħħa lil xulxin u ż-żewġ nisa nfirdu.

Dik l-għaxija, malli Paċikk intasab mal-mejda biex jiekol bukkun, Karmni fetħet ħalqha biex tgħid xi ħaġa. Donnu Paċikk kien qed jistennieha tistaqsi għax ma ħallhiex tgħid kelma li ma' bedhiex jgħid:

"Qed jgħidu li ġie jħambaq biex jibdlilna d-Din. Ma jafx li aħna lkoll emmna fil-fdar tagħna!"

Karmni baqgħet b'ħalqha miftuħ. Ma setgħet tifhem xejn. Qatt ma kienet semgħet li ġie xi barrani biex ibarri l-poplu minn emmnu.

"Trid tgħid li...?"

"Ma rrid ngħid xejn! Naf li ġie wieħed, qalu ħeles mill-għawġ tal-baħar, u beda jtaqtaq kemm jiflaħ ma' kull min jiltaqa'! Imma jien, bħal donni m'għandix amiena sħiħa li dan hu furban. Surtu mhix t'hekk. Fuq kollox, il-furbani ma' jħufux waħidhom."

"Inti rajtu?" staqsiet Karmni mibluha b'dak li semgħet.

"Dal-għodu sieħli r-rajjes u amarli mmur ħada l-ġemgħa biex nitkixxef x'ġara. Hemm kien imdawwar bil-meġemgħa. Uħud ħadjin u oħrajn jaħsduh għall-mewt."

Karmni baqgħet tisma'. Wara li xtarret dak li kien qalilha żewġha ħarset lejh u staqsietu:

"Mela minn ilbiesu ma stajtux tobsru jekk hux furban jew le?"

"Ilbiesu bħar-Rumani, imma surtu ta' furban. Fuq kollox, dan seta' jibdel ħwejġu biex jaħbi surtu. Wiċċu mgħotti b'daqna sfiqa li fixklitna, għax din tagħtih bixra ta' bniedem li jrid jaħbi wiċċu. Fuq kollox, taħt il-lewn iswed, hemm wiċċ li ma jidhirx".

Karmni ma qalet xejn. Għalkemm man-nies kienet tiftaħ fommha biex turi kemm taf, quddiem żewġha dejjem kienet tixtarr kliemha qabel twaddbu. Kienet tqis lil Paċikk wisq aktar għaref minnha.

"X'ġara?" staqsiet Karmni. Bħal donnha ħebbret li seħħet xi ħaġa.

"X'ġara sew sew ma ngħidlekx, għax ma nafx. Il-Ħakem widdibni biex inżomm fommi mitbuq. Qalli biex inħalli l-każ f'idejh."

Meta l-għada fil-għodu Paċikk kien imissu r-ronda, staqsa lill-Ħakem kif kienet intemmet il-biċċa tal-furban. Il-Ħakem xengel rasu biex juri li ma qabilx ma' dak li seħħ.

"Il-miġemgħa xlietu bħal furban li ried jagħmel il-ħsara. Kien hemm xi wħud li beżgħu minnu. Kien hemm ħafna li qalu li hu qattiel!"

Il-Ħakem waqaf għal ftit bħal donnu ried jixtarr sewwa dak li kien ser jgħid.

*Għal paġna 71...*

"Jien xejn ma kelli f'għajni minnu. Surtu mhux ta' wieħed ta' qattgħani. Tkellem bi ħrara u widdeb dwar ħakma ġdida."

Il-Ħakem reġa' waqaf. Qisu ma riedx juri ħsiebu dwar il-barrani.

"Kelli ntellqu mir-raħal. Kieku ħallejtu hawn, il-poplu kien iħebb għalih u jaħsadlu ħajtu. Bqajt miexi warajh sakemm rajtu jgħib lejn in-naħa ta' fuq. Ma qal xejn. Żamm fommu mitbuq għaż-żeblieħ tal-poplu."

Ir-raġel furban baqa' miexi u meta kien tbiegħed sewwa minn dak ir-raħal, jingħad li neża' l-qorq u farfru sewwa mit-trab li kien rifes. Fi triqtu 'l fuq, dan il-furban, għadda minn Ħal Tarxien. Missirijietna daru bih, temgħuh u jingħad li ħallewh jistrieħ fir-remissa mdaqqsa li għad hemm fi Triq Betta.

Jien dejjem, niftakar din ir-remissa li kienet u għadha tissejjaħ "Il-Mitħna". Aktarx li l-bdiewa tagħna kienu jġibu l-qamħ għat-tħin hemmhekk. Illum jinżamm l-armar tal-festa f'din ir-remissa.

Din il-ġrajja tal-mitħna kien qalhieli l-Professur Ġuże' Aquilina meta ltqajt miegħu għall-ewwel darba fis-sena 1952. Hu kien qalli li zitu, oħt ommu, kienet għamlet xi żmien toqgħod fil-Mitħna.

Il-leġġenda tgħid li San Pawl ħassu jistrieħ fir-raħal tagħna. Biex hu juri l-għoġba tiegħu f'qagħdtu f'Ħal Tarxien, jingħad li dan, meta fetaħ fommu biex jiżżi ħajr lin-nies ta' raħalna, billi hu kien minn Tarsu, qallhom.

"Nistħajjilkom ħuti t-Tarsin."

Min jaf raħalna ħax ismu minn *Tarsin*, fejn il-konsonanti Se, maż-żmien bidlet leħinha mal-konsonanti xemxija oħra ix-Xe!


LORDAN
STATIONERY & HABERDASHERY
THE SHOP FOR: MAGAZINES - NOVELTIES - TOYS - CARDS SOUVENIERS
STATIONERY - FILMS & FILM DEVELOPING - PHOTOCOPYING
LOCAL & FOREIGN NEWSPAPERS - HABERDASHERY
Prop. Mr & Mrs J. Pulis
**1, Sisters Street, Tarxien (In Joann Garden)**



**Għal Sfumar ta' Bnadar u Pavaljuni**
**Kif ukoll xogħol ta' statwetti**
**Irrikorri għand Johann Aquilina billi ċċemplu fuq 2167 7354 jew 9987 9357**